**Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 17 ta' Ottubru 2023 (OR. en)**

**14071/23**

**Fajls Interistituzzjonali: 2023/0196(NLE) 2023/0365(NLE)**

**ACP 100**
**FIN 1045**

## NOTA PUNT "I/A"

| | |
|---|---|
| minn: | Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | ST 14013/23 - COM(2023) 595 final |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emendar tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE<br>- Adozzjoni |

1. Fl-10 ta' Ottubru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emenda tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-17 ta' Diċembru 2019 li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE (ST 14013/23).

2. Fis-17 ta' Ottubru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP laħaq qbil fil-livell tal-grupp ta' ħidma dwar il-proposta.

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:

– jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, fir-rigward tal-emendar tad-Deċiżjoni Nru 3/2019 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, kif jinsab wara l-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti fid-dokument ST 14068/23;

– jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill fil-Ġurnal Uffiċjali;

– jinforma lill-Parlament Ewropew bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill;

– jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni AKP-UE, ladarba din tiġi adottata, fil-Ġurnal Uffiċjali.

Wara l-adozzjoni mill-Kunsill, ser jintbagħat abbozz ta' Deċiżjoni AKP-UE lill-parti tal-AKP għall-adozzjoni mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE permezz ta' skambju ta' ittri.